MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 59/2011

**Emanuel Zammit**

**vs**

**Prim Ministru,**
**Kummissarju tal-Artijiet,**
**L-Universita' ta' Malta, u**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tal-15 ta' Settembru 2011 li jghid hekk:
1. Illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Numru 435 tal-1960 li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Awwissu 1960 giet dikjarata bhala Area ghall-Izvilupp Specjali ghall-Finijiet tal-Att tal-1956 dwar l-Izvilupp Specjali ta'

Arei (Att Nru. IX ta' l-1956) bicca art bejn l-Imsida, l-Gzira u Birkirkara fil-lokalitajiet maghrufa bhala Tal-Hagar u Tat-Tigan, kif ahjar deskritta fl-istess Dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dokument 'A';

2. Illi din l-area kienet tinkludi bicca art proprjeta ta' Carmelo Zammit, gia missier ir-rikorrenti u li tieghu r-rikorrent huwa l-uniku eredi, liema art hija deskritta ahjar fuq kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tat-23 ta' Settembru 1977 li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'B';

3. Illi l-art appena msemmija kienet intiza biex tigi zviluppata ghall-uzu mill-Universita ta' Malta ghall-iskopijiet tal-istess Universita u skond l-artikolu 3 tal-Kap.149 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Illi per konsegwenza Carmelo Zammit deher fuq l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tat-23 ta' Settembru 1977 li permezz tieghu huwa ittrasferixxa din l-istess art a favur tal-Universita ta' Malta u dan versu l-prezz iffissat mill-Gvern ta' Malta u bl-intiza li din l-art tintuza ghall-iskop premess;

5. Illi l-proprjeta hekk akkwistata qatt ma giet uzata ghall-iskop li ghalih ittiehdet;

6. Illi ghalhekk ukoll jonqos l-iskop rikjest mil-ligi ghall-imsemmi tehid;

7. Illi per konsegwenza t-tehid in kwistjoni huwa leziv tad-drittijiet tar-rikorrent, bhala werriet u successur fit-titolu tal-imsemmi Carmelo Zammit, kif protetti mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

8. Illi sabiex dawn il-vjolazzjonijiet jigu effettivament rimedjati jehtieg li l-art in kwistjoni tintradd lura lill-esponenti flimkien ma' kumpens adegwat u xieraq li jkopri fost l-ohrajn il-fatt li l-esponent ghal dawn is-snin kollha ma setax jaghmel uzu mill-proprjeta tieghu, salv kull

rimedju iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi;

Jitlob ghalhekk ir-rikorrenti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-fatti fuq imsemmija jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu, u b'mod partikolari tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dana peress illi l-proprjeta fuq imsemmija ma gietx uzata ghall-iskop li ghalih ittiehdet u/jew jonqos l-iskop rikjest mil-ligi ghat-tehid taghha;

2. Konsegwentement tiddikjara nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi d-Dikjarazzjoni tal-Gvematur Numru 435 tal-1960 li dehret fil-Gazzetta tal-Gvem tas-16 ta' Awwissu 1960 sa fejn din taffettwa l-art premessa mertu tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tat-23 ta' Settembru 1977;

3. Konsegwentement ukoll tiddikjara li l-art imsemmija ghandha terga' lura ghand ir-rikorrenti b'titolu liberu u frank;
4. Tordna l-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' rexxissjoni li bih jigi rexxiss il-premess kuntratt tat-23 ta' Settembru 1977 fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, tiffissa jum u hin ghall-imsemmi kuntratt ta' rexxissjoni u tinnomina kuraturi deputati sabiexjirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att;

5. Tillikwida kumpens pagabbli lir-rikorrenti ghall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija u tordna l-hlas tal-istess lir-rikorrenti;

6. Taghti kull rimedju iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun sabiex l-imsemmija vjolazzjonijiet jigu adekwatament rizarciti;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Generali li tghid hekk:

1.1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni hija improponibbli stante li l-art in kwistjoni hija proprjeta ta' l-Universita ta' Malta u ilha hekk ghal dawn l-ahhar 34 sena u ghalhekk ir-rikorrent m'ghandux locus standi f'din l-azzjoni;

1.2. Illi in linea preliminari ukoll, l-azzjoni odjerna hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, apparti li taqa' barra l-ambitu tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qed jittenta li jimpunja att li gara qabel id-19 t'Awwissu 1987 u ghalhekk in kwantu l-azzjoni hija bazata fuq il-Kap. 319 din hija insostenibbli u din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha;

1.3. Illi preliminarjament ukoll, l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna stante li tali talbiet mhumiex ezegwibbli kontra tieghu u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma sehh l-ebda ksur da parte taghhom tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 1, l-Ewwel Protokoll (tgawdija pacifika tal-possedimenti hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi) u kif ukoll tal-artikolu 37 (privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens) u dan ghas-segwenti motivi:

2.1. Illi fl-ewwel lok, fil-mertu trid tingieb prova tal-fatti kif kontenuti fir-rikors promotur;

2.2. Illi fit-tieni lok, jehtieg li r-rikorrent jispjega kif sehhet l-allegata vjolazzjoni tal-artikoli imsemmija tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni;

2.3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur kienet harget ghal skop pubbliku ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt l-art in kwistjoni giet effettivament espropriata u trasferita ghall-uzu mill-Universita ta' Malta u ghall-bzonnijiet ta' progett pubbliku li certament iservu l-skop pubbliku ai termini tal-ligi;

2.4. Illi ghalhekk huwa car li m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-konfront tar-rikorrent fil-kaz odjern;

3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat ir-risposta tal-Universita ta' Malta li tghid hekk:

1. Preliminarjament, l-intimata Universita ta' Malta ma hijiex il-legittimu kontradittur stante illi l-Ligi tghabbi lill-Istat bl-obbligu tar-rispett u ssalvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem. L-Universita ta' Malta hija entita awtonoma, self-governing u ma hijiex organu, entita jew dipartiment tal-Gvern ta' Malta jew tar-Repubblika ta' Malta. Konsegwentement ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. L-Universita ta' Malta, stabbilita ai termini tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta [l-Att Dwar l- Edukazzjoni], ma tirraprezentax lill-Istat u ma tistax taghti rimedju lir-rikorrent. Dan huwa pacifiku u huwa rifless fil-gurisprudenza recenti [vide, inter alia, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet Clayton Communications Company Limited vs Onor. Prim Ministru et deciza fit-3 ta' Marzu 2009, u kif ukoll Joseph Azzopardi

ghan-nom ta' J.A. Trading kontra l-Kummissarju tal-VAT deciza fl-24 ta' Gunju 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali];

2. In linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, din l-Onorabbli Qorti, fl-umili fehma tal-esponenti, ghandha, ai termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha stante illi r-rikorenti kellu mezzi xierqa ghar-rimedju tal-ksur allegat li kienu disponibbli fiz-zmien relattivi ghall-kwistjoni. Dan ir-rimedju jikkonsisti fl-impunjazzjoni ta' att amministrattiv permezz ta' kawza ghal judicial review abbazi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, gja l-artikolu 743 tal-Kapitolu 15 tal-Ligijiet ta' Malta li gie ppromulgat permezz tal-artikolu 7 tal-Att numru VIII tal-1981 [vide Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Numru 13,824 tat-13 ta' Marzu 1981];

3. Fil-mertu, fl-ewwel lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-sit relattiv kien gie espropjat fl-interess pubbliku u ghal skopijiet pubblici, kif ser jirrizulta mill-provi, ghat-tenur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-Universita ta' Malta ghandha intenzjoni tuza' l-art in kwistjoni sabiex taqdi l-funzjonijiet taghha, izda dan tista' taghmlu biss meta jirnexxilha tizgombra lil terzi miz-zona, u cioe, meta d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Citazzjoni Numru 713/09 GC] datata 26 ta' Novembru 2010 tigi reza ezekuttiva u tkun tista' tigi implimentata, kif ser jirrizulta mill-provi;

5. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-art in kwistjoni hija mmarkata bhala 'safeguarding existing open space' fin-North Harbours Local Plan tal-Malta Environment and Planning Authority [Pjanta MP3], kif ser jirrizulta mill-provi. Ghaldaqstant l-intimata Universita ta' Malta kienet prekluza de lege milli tibni fuq l-art in kwistjoni;

6. Salv eccezzjonijiet/risposti ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant, stante illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, l-intimata Universita ta' Malta titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat l-atti kollha, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza ghat-13 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li gew lezi lilu qua eredi ta' missieru Carmelo Zammit id-drittijiet fondamentali tieghu taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli jipprotegu d-dritt ta' tgawdija bi kwiet ta' hwejjeg ir-rikorrenti.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

B'dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta numru 435 tal-1960 tas-16 ta' Awwissu 1960 giet dikjarata bhala area ta' zvilupp specjali ghal finijiet tal-Att IX tal-1956 dwar l-Izvilupp Specjali tal-Arei illum Kap. 149 tal-Ligijiet ta' Malta, bicca art bejn l-Imsida, Gzira u Birkirkara, komprendenti l-att in kwistjoni, u dan biex tigi zviluppata ghall-uzu tal-Universita ta' Malta.

Jidher illi fit-23 ta' Settembru 1977 l-awtur tar-rikorrent biegh l-art appartenenti lilu lill-Universita ta' Malta, b'kuntratt pubbliku atti Nutar Pellegrini Petit, kif jidher mill-kuntratt esebit a fol. 6 et seq. tal-process. Hu relevanti ghal fini ta' din il-pendenza s-segwenti estratti tal-kuntratt:

"This plot of land is being sold free and unencumbered by any burdens for the price of six hundred and fifty one Malta pounds fifty cents fixed by the Civil Government and includes the value of a well, two cisterns and the value of trees existing thereon at the time of acquisition, which amount of Lm651.50.0 together with the sum of five

hundred twenty five poiunds twenty seven cents, being compensation damages at five per centum on said sale price from date of acquisition of the land in question, vendor declares to receive from the Rector nomine and gives receipt and acquitance therefor …"

"Vendor declares that he shall bear his share of the judical expenses relative to proceedings in the Land Acquisition Arbitration Board in the names "Dr. Edgar Mizzi noe vs Carmelo Zammit" in respect of the plot of land transferred by virtue of this deed, which proceedings are to be renounced."

Il-lanjanza tar-rikorrenti huma s-segwenti.

a. L-universita qatt ma uzat l-art ghall-iskop li ttiehdet u fil-fatt illum ghadha art mhux uzata u billi ghalhekk jonqos l-iskop li ghalih ittiehdet l-art din trid terga' tintradd lura u jinghata kumpens ghas-snin kollha li r-rikorrent ma setghax jaghmel uzu mill-proprjeta.

L-intimati qed jilqghu ghal dan l-ilment b'diversi eccezzjonijiet kemm ta' natura preliminari u kemm fil-mertu.
Il-Prim Ministru, Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali qed jecepixxu illi l-Avukat Generali ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri u fil-fatt ir-rikorrenti cedew l-atti fil-konfront tal-Avukat Generali b'verbal tal-Qorti tal-15 ta' Novembru 2011.

Bl-istess mod u fl-istess verbal l-Universita ta' Malta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha li mhix legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Isegwu imbaghad diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari mill-intimati li huma kif gej:

1. Li l-azzjoni hi improponibbli ghax l-art in kwistjoni hi proprjeta tal-Universita ta' Malta ghal aktar minn 34 sena u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandux locus standi.
2. Illi l-azzjoni hi preskritta bil-preskrizzjoni ta' tletin sena.

3. Illi l-azzjoni hi improponibbli billi r-rikorrenti qed jimpunja att li gara qabel id-19 ta' Awwissu 1987 u kwantu l-azzjoni hi bazata fuq il-Kap. 319, din hi insostenibbli.
4. Illi r-rikorrenti kellu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghal ksur allegat a bazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 gia artikolu 743 tal-Kapitolu 15 tal-Ligijiet ta' Malta promulgat permezz ta' artikolu 7 tal-Att VIII tal-1981.

Il-Qorti fil-verbal taghha tas-7 ta' Marzu 2012 kienet resqet il-kwezit taghha lil partijiet ghal konsiderazzjoni taghhom dwar il-proponibilita tal-azzjoni taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Tajjeb li ghalhekk li l-ewwel tigi investigata l-kwistjoni dupplici dwar in-nuqqas ta' proponibilita tal-azzjoni taht l-artikoli li dwarhom sar l-ilment, qabel jittiehed kont tal-eccezzjonijiet preliminari l-ohra peress illi f'kaz ta' ezitu pozittiv dwar in-nuqqas ta' proponibilita tal-azzjoni ma jkunx hemm htiega li l-Qorti tidhol f'ebda kwistjoni ohra.

**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Din il-Qorti ser taghmel referenza ghal sentenza tal-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali moghtija fis-7 ta' Frar 2012 fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et** (Rik 25/2002/1) fejn il-Qorti qalet testwalment hekk:
Illi għar-rigward tal-ilment taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, tajjeb jingħad li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-teħid seħħ taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta liema liġi kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li: “Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...”. Dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux jgħoddu biss jekk kemm-il darba xi liġi bħal dik (i) iżżid mal-għamliet ta' ġid li jista' jittieħed għal skop pubbliku jew

li tolqot xi jeddijiet jew interessi fuq ġid bħal dak; jew (ii) iżżid mal-għanijiet li għalihom jew maċ-ċirkostanzi li fihom dak il-ġid jista’ jittieħed; jew (iii) tagħmel aktar iebsa l-kundizzjonijiet li taħthom jitħallas kumpens xieraq għal teħid ta’ ġid bħal dak; jew (iv) iċċaħħad xi persuna mill-jedd għall-aċċess għal qorti jew tribunal għall-ħlas ta’ kumpens xieraq jew mid-dritt tal-appell mid-deċiżjoni minn qorti jew tribunal bħal dak, kif imfissra gl-artikolu 37(1)(b) u (ċ) tal-Kostituzzjoni;

Hu minnu illi l-limitazzjoni tal-pussess f’dan il-kaz ma sarx taht il-Kapitolu 88 bhal kawza riportata izda taht l-Att IX tal-1956, ghalkemm jidher li inbdew proceduri taht il-Kap. 88 sabiex jinghata kumpens kif jidher mill-kuntratt ta’ bejgh fuq riportat fil-parti saljenti ghal finijiet ta’ din il-vertenza. Pero jibqa’ bhala fatt illi dak li fuqu qed isir l-ilment hu n-nuqqas ta’ uzu mill-Universita konsegwenti ghad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur a bazi tal-Att IX tal-1956, Att li kien in vigore qabel Marzu 1962, tant li hemm talba specifika ghall-annullament tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur.

Ebda wahda mill-premessi fir-rikors ta’ Zammit ma jaqa’ taht xi wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jew tattakka l-ligi nfisha. Dan ifisser illi l-ilment tar-rikorrent mibni fuq ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa’ minhabba li d-dispozizzjonijiet tal-Att IX tal-1956 huma mharsin mill-Kostituzzjoni nnfisha.

**Artikolu 1 Protokoll tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta**

L-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 ighid illi ebda kontravvenzjoni, fost affarijiet ohra, tal-ewwel sat-tielet artikolu tal-Ewwel Protokoll maghmul qabel it-30 ta’ April 1987 ma tista’ taghti lok ghal azzjoni taht l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni cioe dawk li jirrigwardaw allegat lezjonijiet tad-dritijiet bhal din in kwistjoni.

Jirrizulta mill-atti illi fl-1960 l-awtur tal-attur gie ristrett fl-uzu tal-art proprjeta tieghu permezz tad-dikjarazzjoni tal-

Gvernatur li kopja taghha tinsab fil-process, u dan a tenur tal-artikolu 4(2) tal-Att IX tal-1956 illum Kapitolu 149 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 3 imbaghad jispecifika l-mod kif jigi stmat il-valur tal-istess proprjeta li l-Gvern jakkwista f'xiri assolut a bazi tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta illi saru proceduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg tal-Artijiet dwar l-akkwist tal-istess proprjeta liema proceduri intemmu peress illi fit-23 ta' Settembru 1977 sar kuntratt pubbliku ta' trasferiment bejn l-Universita u l-awtur fit-titolu tal-attur.

Hu minnu illi, bhal att ta' esproprjazzjoni, il-limitazzjonijiet imposti fuq id-drittijiet tal-proprjetarju bl-Att IX tal-1956 mhux att istantanju izda wiehed ta' vjolazzjoni kontinwa sakemm dak li jkun ma jkunx jista' jgawdi bla limitazzjoni l-possedimenti milquta', jew f'kaz ta' esproprjazzjoni isir l-att definittiv. Bhal f'kaz ta' esproprjazzjoni, id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur hu biss il-bidu tal-process li jista' jwassal ghal esproprjazzjoni li tintemm biss meta jew bir-ritorn tal-possediment jew bit-trasferiment finali tal-proprjeta b'att ta' akkwist (ara f'dan is-sens, almenu fejn jirrigwarda att ta' esproprjazzjoni **Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et**, App Kost, 30/05/2003 u **Pawlu Cachia vs Avukat Generali et**, App Kost, 28/12/2001).

Ovvjament dan ifisser illi ghalkemm ma jistax jinghad li hemm ebda dritt ghal rimedju ghal perjodu ta' qabel is-sehh fil-ligi cioe 30 ta' April 1987, ir-rimedju jibda jsir applikabbli ghal ksur li jipperdura <u>wara</u> dik id-data.

Fil-kaz in kwistjoni pero r-rikorrenti hu rinfaccjat b'ostakolu li fil-fehma ta' din il-Qorti hu insormontabbli. Hi x'inhi r-raguni ghal dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-1960 u jekk fil-fatt l-iskop imsemmi fid-dikjarazzjoni inzammx jew le, jibqa' l-fatt illi b'att pubbliku tal-awtur tar-rikorrenti, sar kuntratt ta' trasferiment tal-art in kwistjoni lill-Universita ta' Malta fil-1977. Dan il-kuntratt kien wiehed ta' bejgh inkondizzjonat fejn l-awtur tar-rikorrenti svesta ruhu mid-

drittijiet kollha li kellu fuq il-proprjeta in kwistjoni wara li rceva l-prezz tal-art u danni ghall-okkupazzjoni sad-data tat-trasferiment.

Il-kwistjoni ta' nuqqas ta' skop pubbliku imqajjem f'dan l-istadju mir-rikorrenti kien ghal kollox irrelevanti ghal vertenza billi d-drittijiet tal-awtur tieghu fuq il-proprjeta gew ezawriti qabel l-1987 u di piu, dan sar inkonidzzjonatament.

F'dan l-istadju ghalhekk jidher car illi l-azzjoni tar-rikorrenti hi improponibbli u din il-Qorti ma tqis il-bzonn li tidhol fil-mertu tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ssib illi l-azzjoni tar-rikorrenti, ghar-ragunijiet imsemmija fil-korp ta' din is-sentenza hi improponibbli kemm taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------